# Kunsill Lokali tal-Imqabba

## Rapport Annwali Amministrattiv

## 2014

## Il-Werrej


| | |
|---|---|
| **L-Introduzzjoni tal-Viċi Sindku** | **1** |
| **Il-Kunsill** | **2** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **3** |
| **L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq** | **11** |
| **Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank** | **14** |
| **Ir-Rapport tal-Awditur u l-*Financial Statements*** | **15** |

## 2.0 IS-SEBA' LEĠISLATURA TAL-KUNSILL

| **Inkarigu** | **Parteċipazzjoni f'laqgħat** |
|---|---|
| **Sur Nicholas Briffa (Sindku)** | **75%** |
| **Dr Charlene Zammit (Deputat Sindku)** | **100%** |
| **Sur Michel Farrugia (Kunsillier)** | **59%** |
| **Sinjorina Grace Marie Mallia (Kunsillier)** | **100%** |
| **Sur Paul Spiteri (Kunsillier)** | **100%** |

---

**<u>Impjegati</u>**

| | |
|---|---|
| **Sur Anthony Bonello (Segretarju Eżekuttiv)** | **100%** |

**Sinjorina Valerie Galea (Uffiċjal Eżekuttiv)c**

**Sinjorina Kylie Anthea Fenech (Skrivana)**

## 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

Il-maġġor parti tal-ispejjeż li kellu l-Kunsill Lokali tal-Imqabba matul is-sena 2014 kienu relatati mat-tisbieħ tal-ġnien ta' Misraħ il-Fidwa u l-bandli prinċipali tal-Imqabba. F'dan is-sit, il-Kunsill investa f'apparat ġdid tal-bandli minkejja li kien diġa' f'sitwazzjoni ta' dejn minħabba l-asfaltar tat-toroq li spiċċat bihom is-sitt leġislatura. Dan il-ġnien għalquhulna għaliex ma kienx ta' *standard* għat-tfal tagħna u fuq il-prinċipju tas-saħħa u s-sigurta'. Għalhekk kienet tinħass l-urġenza u l-Kunsill għoġbu jinvesti b'aktar minn €60,000. Dan ir-rimedju fil-qasam tal-bandli, kien rifless ukoll f'Mistoqsija Parlamentari li l-Kunsill Lokali tal-Imqabba kien mitlub iwieġeb fost ħafna oħrajn – li rnexxielna nerġgħu niftħu l-bandli mill-ġdid. Infatti minkejja r-riżorsi limitati li għandu l-Kunsill irnexxielu jibdel l-apparat tal-logħob tal-bandli f'Misraħ il-Fidwa biex jagħti l-post lura lit-tfal, wara r-rapport ħażin dwar il-kundizzjoni tiegħu mill-Awtorita' Maltija tal-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur. Bħala assistenza finanzjarja irnexxielna nagħmlu użu mill-Fond għat-Titjib Urban tal-MEPA minkejja li l-ammonti huma minimi u sal-aħħar tas-sena l-fondi ma kienux għaddew. Madankollu irnexxielna nnaqsu l-ispiża għaliex ħafna mill-istrutturi tal-ħadid saru kollha mill-ħaddiema tal-*Industrial Projects Services Limited* flimkien mal-ħaddiema tal-*Community Works Scheme*, skema oħra tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ. Fuq kollox, anke t-tipjip f'dan il-ġnien, issa ġie abolit minħabba s-saħħa tat-tfal tagħna – miżura oħra addizzjonali ta' sigurta'. Intant il-proġett ta' tisbieħ ta' Misrah il-Fidwa kien inawgurat mis-Sindku, is-Sur Nicholas Briffa fil-preżenza tal-Onor Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, nhar id-19 ta' Ottubru, 2014, wara tant xogħol iebes. L-inawgurazzjoni propja saret mit-tfal li ħadu gost b'kull mument f'din iċ-ċelebrazzjoni sinifikattiva, għaliex kellhom l-opportunita' li jeżerċitaw irwieħhom fuq il-bandli l-ġodda.






## 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Is-sistema tal-Infurzar tal-liġijiet kienet fid-dibattitu sa mill-2000, meta kienet devoluta lill-Kunsilli Lokali bil-gwardjani lokali jissorveljaw is-siti pubbliċi. Ir-riforma tal-2009 ġabet tibdil billi kienu xolti l-Kumitati Konġunti, fil-każ tagħna dak taż-Żurrieq u r-responsabbilita' kienet għaldaqstant mgħoddija fuq il-Reġjuni, fil-każ tagħna ir-Reġjun tan-Nofs-in-Nhar bit-tribunal tiegħu f'Ħal Qormi. Il-*White paper* li kienet inawgurata mill-Gvern Ċentrali telabora fuq struttura ġdida li se tkun tirrifletti bidla kbira fl-infurzar tal-liġi. Il-pubbliku kien għaldaqstant mistieden jgħaddi l-proposti tiegħu u jagħmel is-suġġerimenti tiegħu biex ir-riforma tkun suċċess u aktar minn hekk, terġa' tnissel lura l-fiduċja fil-gwardjani lokali u l-infurzar tal-liġi nnifsu. Il-proċess ta' konsultazzjoni wasal fi tmiemu fit-18 ta' April, 2014 skont kif stabbilit f'www.riformagwardjanilokali.com u issa qed nistennew b'ħerqa l-pass li jmiss – dak tal-implimentazzjoni.

Fit-12 ta' Marzu, 2014, il-Kunsill kellu l-opportunita li jaqsam prattiċi tajba dwar rotot (trails) kulturali. Dan seħħ waqt sezzjoni b'laqta internazzjonali bl-isem *Interreg IVC* li kienet miżmuma mill-*European Cultural Routes Transfer Experience Share Solutions (CERTESS)*, fil-Belt Valletta. Matul il-preżentazzjoni ta' siegħa li kienet ukoll tinkorpora l-esperjenzi tar-rotot għar-roti, taċ-ċikliżmu, tal-Italja – Malta 2007-13, dwar is-*Sustainable Interregional Bike Tourism* (SIBIT) bħala parti mill-proġett co-finanzjat mill-Unjoni Ewropeja, din l-inizjattiva kienet deskritta bħala forma ta' turiżmu sostenibbli lokali, minkejja li l-għan aħħari hu li ntejbu l-prodott billi nattiraw ukoll viżitaturi barranin.

Matul din is-sena kienu organizzati party tal-Karnival għat-tfal fl-Iskola Primarja tal-Imqabba kif ukoll Karnival taż-Żfin biswit il-ġnien ta' Misraħ il-Fidwa, fejn hemm il-bandli.










Kienu wkoll organizzati ħarġiet għal kulħadd, bħal dik li saret fl-20 ta' Marzu, f'Buġibba li kien jinkorpra wkoll trip bil-ferrovija fil-viċinanzi. Ħarġiet oħra kienu lejn il-gżira Għawdxija. Għal dawn l-attivitajiet kellna konkorrenza kbira speċjalment minħabba l-fatt li dawn il-ħarġiet kellhom laqta edukattiva u kulturali minbarra dik soċjali.







Barra minn hekk kien imwaqqaf il-Kunsill taż-żgħażagħ. Il-ħaddiema tal-*Industrial Projects Services Ltd* u tal-*Community Works Scheme,* li huma assenjati mal-Kunsill kienu ukoll involut fl-iskavar tal-kantini tal-Isptar il-Qadim bit-tama li dawn jinfetħu għall-pubbliku. Dawn il-kantini m'huma xejn ħlief xelter tal-gwerra li jiffurmaw parti mill-kumpless ferm ikbar tal-Isptar il-Qadim.




Pageant fit-toroq seħħ fil-ġimgħa Mqaddsa bit-tema – *Imsallab fi Triqatna*. Dan il-pageant kien suċċess mill-att ta' attendenza u n-numru ta' parteċipanti fih kien wieħed tajjeb. Dan intlaqa' tajjeb minn kull min ġie jarah għaliex esperjenza l-Passjoni ta' Kristu mill-viċin bil-karattri tal-epoka jirreċtaw man-nies.

Fil-qasam edukattiv konna strumentali biex norganizzaw għall-ewwel darba il-kors tad-dekorazzjoni tal-kejkijiet. Il-lezzjonijiet kienu suċċess. Peress li ma kellniex post addattat biex dan il-kors jimmaterjalizza, b'sodisfazzjon ngħidu li sibna l-għajnuna tal-Iskola Primarja tal-Imqabba u l-koperazzjoni sħiħa tal-Kap tal-Iskola.





Kors ieħor li nżamm fl-Isptar il-Qadim kien fl-Ewwel Għajnuna. Dan bla dubju kien ta' utilita' kbira speċjalment għal dawk interessati f'saħħithom. Kors bħal dan jista' jsalva l-ħajja ta' nies li aċċidentalment ikorru fuq il-post tax-xogħol, fit-triq jew inkella fi djarhom stess.

Biex inkomplu nsaħħu l-inizjattivi li konna ħadna fil-passat fil-qasam ambjentali, permezz tal-kumpanija *Greenpak* tqassmu tliet darbiet fis-sena l-boroz lill-kull familja biex inħajru aktar residenti jisseparaw l-iskart tagħhom. Din l-inizjattiva bla dubju għandha mpatt dirett fuq il-finanzi tal-Kunsill għaliex b'hekk inħallsu inqas flus biex narmu l-iskart fil-landfill. Għaldaqstant, minn dan ir-rekupru ta' l-iskart mhux biss jibbenefika l-ambjent iżda wkoll il-lokal billi kull ma nistgħu qed jiġi mibgħut għar-riċiklaġġ.

Din is-sena b'dieqa kbira rridu ngħidu illi kellna inċident sfortunat tat-traffiku li seħħ nhar l-10 ta' Jannar, 2014, fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija, li ħa l-ħajja ta' sewwieq ta' mutur ta' 32 sena, li miet f'kollużjoni ma' karozza. Dan kien l-ewwel inċident fatali li ħa l-ħajja ta' persuna minn kemm ilu jopera l-Kunsill Lokali tal-Imqabba, jiġifieri dawn l-aħħar wieħed u għoxrin sena. Ovvjament dan jixhel bozza ħamra dwar it-traffiku speċjalment f'toroq arterjali minkejja li ftit li xejn għandna kontroll fuqhom għaliex dawn jaqgħu fir-responsabbilta' ta' *Transport Malta.*

Minn mindu kien rinnovat l-Isptar il-Qadim, mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba, qatt daqs bħal din is-sena ma kien daqshekk użat. Matul din is-sena dħalna bi sħab mal-Awtorita' Maltija għall-Komunikazzjoni biex niżviluppaw il-ħiliet tal-pubbliku in ġenerali fil-qasam tal-informatika u jkunu ttappjati fondi Ewropej permezz tal-proġett ENTER (ESF 2.204). Kienu konklużi aktar minn għoxrin kors fl-IT li kienu jikkonsistu f'20 siegħa ta' tagħlim kull kors, għall-adulti, biex nikkumbattu l-qasma diġitali. Konna ewlenin biex norganizzawh fost il-lokalitajiet tan-nofs ta' nhar ta' Malta. Dawn il-korsijiet kienu ta' utilita' kbira għaliex jidħlu fid-dettal ta' kif wieħed jimmaniġġja l-kontijiet bankarji tiegħu peremzz tal-*internet*, jagħmel pagamenti *on-line* għal servizzi utli, l-użu tas-*social media* bħas-sit ferm popolari ta' *Facebook*, jipprovdi biex wieħed jagħmel kuntatt verbali permezz ta' *Skype* u fuq kollox il-persuni jkunu midħla tal-*E-commerce, E-Government u l-M-Government.*

Fl-istess ħin, anke l-librerija lokali, qatt ma kienet daqshekk użata daqs din is-sena. Dan għaliex matul is-sajf, il-post kien użat






sabiex jingħataw servizzi addizzjonali bħal-lezzjonijiet fl-użu tal-*computer* għat-tfal li kienu fil-vaganzi. Dan sar fil-post eżatt fejn illum il-ġurnata hemm paradoss qawwi bejn l-użu tat-teknoloġija fit-tagħlim u l-użu tradizzjonali tal-kotba. Madankollu dan għen lill-Kunsill Lokali tal-Imqabba jwassal il-messaġġ li l-ktieb ma' jistax jieħu l-post tal-*computer* u l-*internet* filwaqt li lanqas il-*computer* ma jista' jieħu post il-ktieb, minkejja li dan saret riżors importanti għar-riċerka fis-suġġetti akkademiċi anke għat-tfal u saħansitra sabiex wieħed jipprattika l-passatempi tiegħu.



Kors ieħor li wkoll kien organizzat dan is-sajf kien fil-bini tal-presepji. Dan kien suċċess minħabba li kien kors mingħajr ħlas u fl-istess ħin *passatemp* li fih l-istudent (kbar u żgħar) seta' jagħti lok għal ħafna kreattivita' kemm mill-att ta' xenarju li wieħed jista' joħloq kif ukoll għall-materjali differenti li jintużaw filwaqt li nkunu qed nirriċiklawhom. Intant l-għalliem, li wkoll kien qed jagħti minn ħinu mingħajr ħlas, irnexxielu jgħallem lil dawn l-

istudenti jibnu djar u għerien mill-kartapesta, *jabloo* u materjali li jistgħu jiġu rriċiklati minn prodotti li normalment narmu għaliex ikunu mingħajr użu.

Matul is-sajf 2014, kellna nagħmlu manutenzjoni tas-soqfa tal-*birthing chamber* tal-Isptar il-Qadim. Din il-kamra kienet tikkonsisti f'sensiela ta' travi tal-injam li kienu attakkati mis-susa u l-ilma li daħal mis-saqaf għamlilhom ħafna ħsara, u kienu wkoll għaldaqstant qed jaqgħu anke x-xorok. Biex saret din il-manutenzjoni, sibna l-għajnuna tal-Gvern Ċentrali li għamlilna għotja biex intaffu mill-ispiża. Bla dubju din l-inizjattiva kienet waħda li rrendiet il-post tal-Isptar il-Qadim użabbli.



Mis-17 ta' Lulju, 2014, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ipprovda trasport għar-residenti lejn il-bajja ta' Għar Lapsi, ġurnata fil-ġimgħa. Dan għaliex fit-trasport pubbliku teżisti *lacuna*, jiġifieri nuqqas ta' trasport lejn bajjiet fis-sajf, anke għal dawk li jinsabu mhux wisq 'l hinn mill-Imqabba. B'hekk erġajna għal darb'oħra tajna iċ-ċans illi ħafna nies igawdu l-bajja sabiħa fin-nofs-in-nhar ta' Malta filwaqt li bosta anzjani jeżerċitaw ruħhom u jibqgħu attivi.



Il-ħarġiet għal Sqallija fil-21 ta' Ġunju, u fl-1 ta' Novembru għall-*Fiera dei Morti*, wkoll kienu suċċess. L-attendenza kienet tajba ħafna u kull min ġie ingħata l-opportunita' illi jduq frott u prodotti tajbin. Kien hemm ukoll min xtara wkoll prodotti ġenwini maħdumin u proċessati fi Sqallija stess, f'postijiet agri-turistiċi, bħal ġobnijiet, ġbejniet, inbid, żejt taż-żebbuġa ecc. Ħarġiet bħal dawn huma kulturali u edukattivi fl-istess ħin.

Avveniment importanti bla dubju kien dak meta iltqajna mal-Eċċellenza Tiegħu Mons Arċisqof Pawlu Cremona waqt il-viżita pastorali li saret fl-Imqabba fejn il-Kunsill kien mistieden mal-għaqdiet soċjali biex jagħti l-kontribut tiegħu kif ukoll mal-Eċċellenza Tagħha Marie Louise Coleiro Preca fil-Palazz il-Belt, ftit ġimgħat wara li laħqet President ta' Malta – l-ogħla kariga fil-ġerarkija tal-Gvern. Kienet esperjenza li ma ninsew qatt għaliex it-taħdita kienet waħda kordjali ħafna. Fost l-oħrajn saret enfasi fuq il-qasam soċjali u wkoll prominenza għall-attivitajiet tal-Kunsill li dejjem għandhom jaġevolaw lill-batut.






Photo - DOI - Reuben Piscopo

Bħala Kunsill Lokali tal-Imqabba, l-impenn tagħna favur il-kultura tmur aktar 'l hinn minn *support* biex isiru inizjattivi tajba ħalli jkunu ppreservati monumenti u siti ta' nteress storiku. Infatti aħna mpenjati biex nagħtu anke servizz tajjeb f'dan ir-rigward, speċjalment ta' għarfien. Dan hu eżempju ċar tal-impenn tagħna lejn il-ġonna pubbliċi li tnejn minnhom saru trasformati f'ikoni reliġjużi fil-lokalita' tagħna. Dawn huma is-sit tal-ġnien fejn il-ġibjun il-miftuħ, fi Triq il-Konvoj ta' Sta

Marija, u l-ieħor faċċata tar-*roundabout* tal-Mentna, quddiem il-Katakombi. Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba unanimament iddeċieda illi jagħmel tajjeb għall-konsum tal-elettriku biex jiddawwlu żewġ statwi tal-ġebel li kienu nstallat dawn l-aħħar xhur, dik tal-Madonna tal-Ġilju u ta' Santa Marija, rispettivament. Ħafna drabi wieħed ikollu t-tendenza illi jaqbżulu affarijiet bħal dawn l-inizjattivi meħuda mill-Gvern Lokali favur il-kultura u l-wirt storiku u fl-istess ħin biex jissapportja tradizzjonijiet reliġjużi fil-lokalita'. Dan qed nagħmluh billi qed noħorġu l-fondi pubbliċi biex jitgawdew monumenti li twaqqfu minn benefatturi għal skop artistiku.

Din is-sena, Jum l-Imqabba kien iċċelebrat bħas-soltu f'serata fl-Iskola Primarja tal-Imqabba. Iċ-ċelebrazzjoni saret nhar il-25 ta' Ottubru, 2014, u ppromoviet fuq kollox l-arti tal-mużika. Kienet opportunita' għall-udjenza sabiex tkun konxja tax-xogħol voluntarju li jingħataw f'ħafna oqsma matul is-sena, minn ħafna nies, speċjalment b'risq il-lokalita' tagħna. Intant żewġt itfal ċkejknin ingħataw l-opportunita' illi jassistu lill-preżentaturi ewlenin waqt dan l-avveniment. Kienet opportunita' għall-istudenti sabiex litteralment jiffaċċjaw l-udjenza – xi ħaġa mhux daqshekk faċli, f'attivita' formali li bla dubju serviethom ta' ġid fil-karriera tagħhom.

Is-Sur Jonathan Macleish, li hu eks preżentatur tal-British Broadcasting Corporation, u li issa ilu numru ta' snin jabita fil-lokalita' tagħna, kien mogħti l-Unur ta' Mertu għad-dedikazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni. Il-mod kif jitkellem il-lingwa ingliża hu, bla dubju hija ta' benefiċċju għall-istudenti fl-Iskola Primarja tal-Imqabba li jkunu se joqgħodu għall-eżamijiet tal-orali fil-lingwa ngliża li ilha mitkellma fil-gżejjer tagħna sa mill-1800, meta Malta kienet taħt l-Imperu Brittaniku. Is-Sur Macleish jinvolvi ruħu wkoll f'reċti li huma sinonimi mal-Iskola, speċjalment f'Jum il-premjazzjoni u fil-kunċert annwali tal-Milied. Dawn il-mumenti partikulari joffru opprotunita' lit-tfal tagħna sabiex jesprimu ruħhom fir-reċtar u fuq kollox biex jitkellmu l-lingwa ngliża.





Madankollu f'din is-serata ingħataw aktar preżentazzjonijiet, fosthom lill-Ms Joanne Galea u lil Ms Federica Falzon. Dawn ingħataw rikonoxximent talli irrappreżentaw mhux biss lill-Imqabba iżda wkoll lill-Malta, fil-*Miss World Malta* u bħala kantanta, rispettivament. Dawn l-ambaxxaturi msemmija, għandhom demm Imqabbi u għalhekk kien xieraq li f'Jum l-Imqabba jingħataw rikonoxximent mill-poplu tal-Imqabba f'okkażjoni tant dinjituża.



Bħala parti minn din l-attivita' imsejħa ta' Ġieh l-Imaqabba 2014, kienu mqassma ċertifikati lill-istudenti li ggradwaw din is-sena mhux biss mill-Universita' ta' Malta, iżda wkoll mill-Universitajiet barranin. Barra minn hekk, il-Kunsill Lokali tal-Imqabba ta rikonoxximent lis-Sur Mariano Briffa għas-suċċess tiegħu fejn kien iddikjarat fl-ewwel post fl-*Athletic Physique Category* u l-*Overall Novices fil-Malta Body Building and Physique Sport Federation Championships 2014.*

Matul din is-sena, f'Jum l-Imqabba, is-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju kienet il-mistiedna speċjali fil-programm mużikali ta' mużika li kien mogħti u akkumpanjat minn *Keith Dance School Company* u żewġ mużiċisti oħra mill-Marsa Scouts fuq iċ-ċirimelli. Din kienet xi ħaġa nteressanti fejn kull min ġie ingħata ċ-ċans li jisma' mużika kontemporanja, klassika u wkoll moderna li tant kienet interessanti u fuq kollox li kienet tappella għal kull ġenerazzjoni. Għal min irid jara aktar ritratti biex jibqa' jiftakar f'dan l-avveniment, wieħed jista' jidħol fuq http://galleries.picturethis.com.mt/mqabba2014/index.html, (korteżija tas-Sur Steve Congrave)

Għall-Milied il-Kunsill Lokali tal-Imqabba wkoll kellu programm sħiħ. Infatti kien organizzat il-*party* tat-tfal mingħajr ħlas bħalma jsir kull sena. Dan sar f'post ferm familjari magħhom - jiġifieri fl-Iskola Primarja tal-Imqabba. Kien organizzat *drink* tal-Milied lill-entitajiet soċjali tar-raħal fl-Isptar il-Qadim fil-bidu tas-sena 2015 b'rikonoxximent tal-ħidma tagħhom li jwettqu b'mod volontarju fil-qasam reliġjuż, kulturali, artistiku u affarijiet li jagħtuna stima u valur elevat ta' kull sena. Madankollu l-attenzjoni l-aktar li kienet fuq il-villaġġ tal-Milied. Għal dan il-għan il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ irnexxielu jġib fondi sabiex din l-attivita' tkun suċċess. Dan il-villaġġ twaqqaf f'Misraħ il-Fidwa nhar il-21 ta' Diċembru, 2014 u kull min ġie seta' jixtri rigali u ġugarelli minn numru ta' *stalls* li kienu qed ibiegħu ikel u *crafts* tradizzjonali tal-Milied bi prezz raġjonevoli. Fost dawn il-porodotti nsibu kartolini tal-parċmina, kotba, qagħaq tal-għasel, ponsjetti, żejt taż-żebbuġa, inbid, ecc. Is-support li sibna kien verament inkoraġġanti mhux biss għall-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, iżda wkoll għall-Kunsill Lokali tal-Imqabba.






Attivita' oħra sinifikattiva kienet dik organizzata mal-imsieħba tal-Mqabba Football Club bl-isem Mqabba Youth Challenge 2014. F'dan in-nofs ta' nhar diversi żgħażagh u adoloxxenti ħadu sehem f'logħob edukattiv bl-iskop li jsir aktar eżerċizzju u titrawwem aktar l-imħabba lejn l-isports. Din kienet opportunita' fejn dawn l-adoloxxenti tħalltu flimkien bil-logħob interattiv 'il bogħod mill-*computers* u l-*mobiles* li minkejja li joffru wkoll diversi logħob, qatt ma jistgħu jikkontribwixxu lejn saħħet l-individwu.




Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba kien ukoll strumentali biex iħarreġ ukoll studenti li kienu qed jattendu diversi kulleġġi u skemi differenti. Sandro Zammit għamel numru ta' siegħat jitgħallem skills importanti fl-uffiċċju tal-Kunsill. Din kienet opportunita' li offrietlu il-fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi permezz tal-iskema *Youth Inc*. Filwaqt li student ieħor mill-Imqabba, Saviour Pace, ukoll temm *Community Work Placement* biex jgħinu fl-iżvilupp personali tiegħu hekk suġġerit mill-*Learning Support Unit* tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija.

**Organizzazzjoni**

**L-istruttura organizzattiva.**



**4.1 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet konsolidati tad-Dhul u l-Infiq**

| | | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Nru. tal-Kont** | **DESKRIZZJONI** | **2014 ATTWALI €** | **2014 ESTMI €** | **2013 ATTWALI €** | **VARJANZA ATTWALI/ ESTMI €** | **VARJANZA ATTWALI €** |
| **2** | **Id-Dhul** | | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | **258,490.87** | **251,635.99** | **260,519.19** | **6,854.88** | **(2,028.32)** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | **11,865.84** | **16,980.96** | **12,738.14** | **(5,115.12)** | **(872.30)** |
| **0090** | **L-Investiment** | **134.80** | **45.19** | **344.84** | **89.61** | **(210.04)** |
| **0100** | **Ġenerali** | **910.32** | **230.00** | **321.50** | **680.32** | **588.82** |
| | **TOTAL** | **271,401.83** | **268,892.14** | **273,923.67** | **2,509.69** | **(2,521.84)** |
| **1** | **L-Infiq** | | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | **75,757.96** | **80,578.17** | **77,157.66** | **4,820.21** | **1,399.70** |
| **2000** | **Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra** | **167,609.62** | **166,784.28** | **180,497.52** | **(825.34)** | **12,887.90** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | **84,864.17** | **21,529.69** | **35,500.00** | **(63,334.48)** | **(49,364.17)** |
| | **TOTAL** | **328,231.75** | **268,892.14** | **293,155.18** | **(59,339.61)** | **(35,076.57)** |
| | **Bilanċ** | **(56,829.92)** | **0.00** | **(19,231.51)** | **(56,829.92)** | **(37,598.41)** |

**Noti:**

**Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv**

## 4.2 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul fid-dettall

| | | a | b | c | a-b | a-c |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2014 ATTWALI € | 2014 ESTMI € | 2013 ATTWALI € | VARJANZA ATTWALI - ESTMI € | VARJANZA ATTWALI € |
| 2 | Id-Dħul | | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | | | | | |
| 0001 | Annwali | 241,516.00 | 241,635.99 | 241,998.00 | (119.99) | (482.00) |
| 0002 | Supplimentari | 0.00 | | 10,952.08 | | (10,952.08) |
| 0003 | Bżonnijiet Speċjali | 11,954.34 | | | 11,954.34 | 11,954.34 |
| 0004 | Delegazzjonijiet Publiċi/Governattivi | | | | | |
| 0015 | Ħwejjeġ Oħra | 5,020.53 | 10,000.00 | 7,569.11 | (4,979.47) | (2,548.58) |
| | | 258,490.87 | 251,635.99 | 260,519.19 | 6,854.88 | (2,028.32) |
| 0020 | Il-'Bye-Laws' | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 70.80 | | 300.00 | 70.80 | (229.20) |
| 0023 | Attivitajiet Kulturali (kontribuzzjonijiet/donazzjonijiet) | | | | | |
| 0034 | Gandotti (re-charge income account) | | | | | |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 101.10 | | 3,112.45 | 101.10 | (3,011.35) |
| 0037 | Każijiet Sentenzjati | | | | | |
| 0056 | Għotjiet Sponsorjali | | | | | |
| 0066 | Ġenerali | 11,693.94 | 16,980.96 | 9,325.69 | (5,287.02) | 2,368.25 |
| | | 11,865.84 | 16,980.96 | 12,738.14 | (5,115.12) | (872.30) |
| 0090 | Investiment | | | | | |
| 0091 | Imgħax tal-Bank | 134.80 | 45.19 | 344.84 | 89.61 | (210.04) |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | 134.80 | 45.19 | 344.84 | 89.61 | (210.04) |
| 0100 | Ġenerali | | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | 80 | 230.00 | 321.5 | (150.00) | (241.50) |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 830.32 | | | 830.32 | 830.32 |
| | | 910.32 | 230.00 | 321.5 | 680.32 | 588.82 |
| | TOTAL | 271,401.83 | 268,892.14 | 273,923.67 | 2,509.69 | (2,521.84) |

**Noti:**

**Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv**

**4.3 L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fl-Infiq fid-dettall**

| | | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | 2014 ATTWALI € | 2014 ESTMI € | 2013 ATTWALI € | VARJANZA ATTWALI-ESTMI € | VARJANZA ATTWALI € |
| 1 | L-Infiq | | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 6,840.00 | 6,696.00 | 6,696.00 | (144.00) | (144.00) |
| 1101 | Allowance tad-Deputat/Sindku u l-Kunsillieri | 6,175.00 | 6,130.00 | 6,130.00 | | |
| 1200 | Pagi ta' l-impjegati | 50,770.31 | 52,936.00 | 51,191.82 | 2,165.69 | 421.51 |
| 1300 | Bonus | 5,696.80 | 7,182.39 | 5,506.06 | 1,485.59 | (190.74) |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 0.00 | | | | |
| 1500 | Kontribuzzjonijet tas-Sigurtà Soċjali | 4,550.60 | 4,928.20 | 4,928.20 | 377.60 | 377.60 |
| 1600 | Konċessjonijiet ('Allowances') | 0.00 | | | | |
| 1700 | Sahra | 1,725.25 | 2,705.58 | 2,705.58 | 980.33 | 980.33 |
| 1800 | FSS Arrears | | | | | |
| | | 75,757.96 | 80,578.17 | 77,157.66 | 4,865.21 | 1,444.70 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xogħolijiet oħra | | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bżonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 9,041.18 | 12,257.59 | 9,090.19 | 3,216.41 | 49.01 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 344.95 | 1,652.87 | 1,598.04 | 1,307.92 | 1,253.09 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 21,114.73 | 21,750.00 | 31,356.68 | 635.27 | 10,241.95 |
| 2400 | Kera | 581.94 | 1,741.94 | 1,606.65 | 1,160.00 | 1,024.71 |
| 2500 | Shubija f'Għaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 101.00 | 449.00 | 5,524.00 | 348.00 | 5,423.00 |
| 2600 | Spejjeż ta' l-Uffiċċju | 2,439.74 | 3,955.43 | 4,378.08 | 1,515.69 | 1,938.34 |
| 2700 | Trasport | 2,299.88 | 2,480.49 | 2,566.59 | 180.61 | 266.71 |
| 2800 | Safar u vvjaġġar | 0.00 | | | | |
| 2900 | Tagħrif lill-Publiku | 2,738.56 | 3,177.11 | 3,078.09 | 438.55 | 339.53 |
| 3000 | Spejjeż ta' Kuntratti | 105,420.33 | 94,900.15 | 93,180.16 | (10,520.18) | (12,240.17) |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 6,655.74 | 7,124.44 | 10,250.80 | 468.70 | 3,595.06 |
| 3200 | Taħriġ | 351.04 | 591.37 | 591.37 | 240.33 | 240.33 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 16,458.44 | 15,835.75 | 14,186.15 | (622.69) | (2,272.29) |
| 3400 | Spejjeż oħra li jinqalgħu | | | | | |
| 3600 | Infurzar tal-Liġijiet | 62.09 | 868.14 | 3,090.72 | 806.05 | |
| | | 167,609.62 | 166,784.28 | 180,497.52 | (825.34) | 9,859.27 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | 12,681.67 | | | (12,681.67) | (12,681.67) |
| 7200 | Titjib | 0.00 | | 4,763.00 | | 4,763.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 3,925.00 | | 7,423.00 | (3,925.00) | 3,498.00 |
| 7500 | Proġetti Speċjali | 68257.50 | 21,529.69 | 23314.00 | (46,727.81) | (44,943.50) |
| | | 84,864.17 | 21,529.69 | 35,500.00 | (63,334.48) | (49,364.17) |
| | TOTAL | 328,231.75 | 268,892.14 | 293,155.18 | (59,294.61) | (38,060.20) |

**Noti:**

**Il-figuri fil-parenteżi juru bilanċ negattiv**

## 5.1 Kontijiet

**Bilanċi mqabbla mal-kotba:**

**Anthony Bonello**
**Segretarju Eżekuttiv**